MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 177/1997/1

Joseph u Mary konjugi Bajada

vs

Michael Fiteni

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi, li tghid:

“Illi fid-dsatax (19) ta’ Jannar elf disa mija u seba u disghin (1997) waqt li l-attrici kienet qed issuq karozza tat-tip “Daihatsu” bin-numru ta’ registrazzjoni BAD-501 fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ bil-lejl (11.30pm) kienet involuta f’incident awtomobilistiku ma’ vettura ohra bin-numru ta’ registrazzjoni ittra B-2961 tal-marka “Honda” misjuqa mill-konvenut;

Illi dan l-incident gara unikament minhabba traskuragni grassa, negligenza, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut fis-sewqan tieghu;

Illi konsegwenza ghal dan l-incident l-atturi sofrew danni ngenti konsistenti sew f’danni materjali u kif ukoll f’telf ta’ qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti f’gisem l-attrici;

Illi l-konvenut minkejja li qed jaccetta r-responsabilita’ ghal dan l-incident naqas li jasal ghall-kumpens xieraq sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti;

Talbu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. jekk hemm bzonn tiddikjara illi l-incident oggett ta’ din il-kawza gara unikament htija tal-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-atturi;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Lulju 1997 u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ din l-kawza kontra d-ditta assikuratrici; il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom debitament guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. li fl-ewwel lok l-esponenti jixtieq jirrikuza lil Magistrat Supplenti stante illi huwa ghandu informazzjoni illi dan huwa imparentat ma’ l-attrici;

2. li l-esponenti qatt ma accetta r-responsabbilita' ghall-incident 'de quo', kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi, ghaliex huwa dahal biss f'korrispondenza ma' l-atturi minghajr pregudizzju ghad-drittijiet u pretensjonijiet rispettivi;

3. li bhala fatt l-esponenti jichad illi l-incident de quo gara tort u htija tieghu; stante illi l-attrici stess kienet responsabbli ghal dan l-incident minhabba sewqan traskurat da parti taghha u stante nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

4. li minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni illi qeghdin jirreklamaw huma esagerati u inveritjeri stante illi mhux veru illi l-attrici sofriet id-debilita' permanenti illi hija qeghdha tirreklama.

5. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata minnu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti (folio 10) diversament preseduta fejn gie nominat Mr. Carmel Sciberras bhala espert mediku u r-relazzjoni tieghu sussegwenti u debitament mahlufa (folio 12A et seq);

Rat folio 15 in-nota tal-konvenut ghan-nomina ta' periti perizjuri;

Rat folio 24 talba mill-konvenut ghar-rikuza tal-Magistrat allura presidjenti liema talba ma tirrizultax li giet akkordata formalment izda li bhala fatt jirrizulta li minn dan l-istadju 'l quddiem il-kawza bdiet tinstema' quddiem Magistrat differenti;

Rat folio 61 digriet ta' din il-Qorti kif preseduta li aderit ghat-talba tal-konvenut ghan-nomina ta' periti perizjuri li gew nominati fil-persuna tal-konsulenti medici Joseph Attard, Fredrick Zammit Maempel u Anthony Bernard;

Rat ir-relazzjoni debitament guramentata tal-periti perizjuri (folio 75 et seq);

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-atturi qeghdin jazzjonaw ghad-danni sofferti mill-attrici kawza ta' incident awtomobilistiku li gara fid-19 ta' Jannar 1997 fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, li fih hu allegat li garbet dizabilita' permanenti. L-incident in kwistjoni sehh fil-waqt li l-attrici, issuq il-vettura 'Daihatsu' numru ta' registrazzjoni BAD-501 u tittranzita t-telgha li tiehu ghan-Nadur, sfat involuta f'kollizjoni ma' vettura 'Honda' numru ta' registrazzjoni B-2961 misjuqa mill-konvenut li kienet qed tipprocedi ghan-nizla fid-direzzjoni opposta ossija 'l barra minn Nadur. Il-kollizzjoni in meritu kienet wahda frontali.

Illi hemm tliet aspetti konnessi mal-kollizzjoni u rilevanti ghall-kawza in meritu li jehtiegu jigu ndirizzati: l-ewwel, min miz-zewg sewwieqa ghandu jigi akkollat bir-responsabbilita'; it-tieni, il-figura tad-ditta ta' l-insurance fl-ambitu tal-kawza; it-tielet, il-likwidazzjoni tad-danni, kemm dawk emergenti u kemm dawk lukri cessanti.

Illi dwar l-ewwel aspett, jigifieri min mill-partijiet huwa responsabbli, il-fatti jitkellmu wahedhom. L-aktar fatt sinifikattiv huwa dak li l-kollizzjoni grat interament fuq in-naha tat-triq li fiha kienet qeghdha titranzita l-attrici. Il-konvenut hawnhekk jittanta jiskolpa ruhu ghal dan il-fatt billi jistqarr li huwa spicca fuq in-naha opposta billi giet oskurata l-vizjoni tieghu b'dawl qawwi tal-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta ossija dik ta' l-attrici. Il-konvenut pero' ghajla jista' isib rifugju f'din l-asserzzjoni tieghu, principalment ghaliex il-provi in rigward, li kienu jinkombu fuqu, m'humiex attendibbli u lanqas sorretti mill-

provi in atti. Kollizzjoni ma tigrix fl-astratt u timmanifesta ruhha f'cirkostanzi u agir tas-sewwieqa nvoluti, kemm waqt l-agonija ta' l-incident kif ukoll wara. Is-sejbien tal-htija hija invarjabilment ricerkata fil-kawza prossima u immedjata ta' l-incident u fil-kaz in ezami l-incident huwa attribwibbli *sic et simpliciter* filli l-imputat oltrepassa l-linja medjana tat-triq minhabba l-velocita' eccessiva b'daqstant illi pogga lilu innifsu f'*self inflicted incapacity*. M'hemm xejn in veste ta' indizzji li jaghtu kredenza lill-konvenut. Din il-Qorti, bhall-Qrati Kriminali li pprecedewha fir-ricerka tar-responsabbilita' ghall-kollizjoni *ut sic*, terga' ghal darb'ohra tirrijafferma t-tort assolut tal-konvenut ghall-imsemmija kollizjoni.

Illi dwar it-tieni aspett, jigifieri l-figura tad-ditta assikuratrici fl-ambitu tal-kawza, jigi rilevat li minn imkien fl-atti ma jirrizulta li hija jew giet ikkjamata fil-kawza jew interveniet 'sua sponte'. Il-figura taghha kienet dik ta' 'osservatrici' fl-ambitu tad-dmirijiet taghha naxxenti mill-Artikolu 10 tal-Kap 104. Kwindi kull ftehim li setghet tinnegozja kien talvolta jorbot lilha u mhux lill-assikurat taghha aktar u aktar meta hi qeghdha tippretendi drittijiet ta' rivalsa kontra l-istess assikurat taghha. Kwindi dak sostnut mill-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom dwar li gie konkjuz ftehim ghall-pagament ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) in via ta' likwidazzjoni ta' danni ma jistax jorbot, kif ma jorbotx, lill-konvenut. F'kull kaz, b'referenza l-ittra esebita folio 110 li fuqha l-atturi qeghdin jibbazaw l-ftehim, lanqas ma tista' tittiehed bhala finali u vinkolanti stante li hija f'kull kaz kundizjonata. Illi jonqos it-tielet aspett, jigifieri l-likwidazzjoni tad-danni konsistenti f'dawk maghrufa 'damnum emergens' u dawk maghrufa 'lucrum cessans'. Il-fonti ta' kif ghandhom jitqiesu dawn id-danni huwa l-Artikolu 1045 (1) tal-Kap 16. Ghal dawk li huma danni emergenti dawn huma kklasifikati fit-telf effettiv u dirett tal-hsara, fl-ispejjez inkorsi minhabba l-istess hsara, u fit-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali. Ghal dawk li huma lukri cessanti l-artikolu tal-ligi citat jikkwalifikom fit-telf ta' qliegh futur minhabba fl-inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li tkun giet rekata. Fil-kuntest tal-likwidazzjoni effettiva tad-danni l-Qorti ghandha tirrimarka

illi l-attrici naqset li toffri provi konkludenti sabiex tagevola din l-likwidazzjoni, izda nonostante dan, il-Qorti hi tal-fehma li tista’ tasal ghall-ammont ekwu, fir-rispett tal-Artikolu 1045(2), billi taghmel riferenza ghall-kontenut ta’ l-ittra tas-socjeta’ assikuratrici (folio 108) u n-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet. In virtu ta’ dan temmen li huwa ragjonevoli l-ammont reklamat mill-atturi bhala danni emergenti (eccettwat l-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) tal-vettura li kuntrarjament ghandu jigi rivedut u mnaqqas ghall-ammont ta’ elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1300) allura fl-ammont ta’ elfejn u tmien liri Maltin (Lm2008); waqt li ghal dak li huma l-lukri cessanti temmen li ghandha tadotta paga annwali ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500), multiplikand ta’ 25 sena, u percentwali ta’ dizabilita’ ta’ erbgha fil-mija (40%) (10%), li jwassal ghall-ammont ta’ Lm3,500, li minnhom ghandhu jitnaqqas ghaxra fil-mija sabiex jittiehed qies tad-dewmien tal-kawza, li in parte kien dovut ghall-atturi, b’hekk li l-ammont likwidat in linja ta’ lukri cessanti ghandu jkun ta’ tlett elef mija u hamsin lira Maltin (Lm3150) - b’kollox fis-somma ta’ hamest elef mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm5158).

Ghaldaqstant, qeghdha issa l-Qorti tghaddi ghad-decizjoni taghha billi:

1. tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-atturi u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku meritu l-kawza;

2. tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ hamest elef mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm5158);

3. tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni likwidati fl-ammont ta’ hamest elef mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm5158).

L-ispejjez tal-kawza ghandhom fic-cirkostanzi jigu interament sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------